**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Seduta Collisions**

**Pulizija**

**vs**

**Alexandra Agius**

**Illum, 11 ta' Novembru, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Alexandra Agius, detentriċi tal-karta tal-identità numru 72170M, li permezz tagħha ġiet akkużata li fit-30 ta' Ottubru 2014, għal ħabta tal-15.40hrs fi Triq iz-Zebbiegħ, Mġarr, waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBD 498,

1. *Meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunat offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Stella Ellul, skont kif iccertifika Dr Michael Spiteri MD mill-MDH.*

Il-Qorti giet mitluba sabiex tiskwalifika l-licenzji kollha tas-sewqan tal-imputata.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din il-kawża kienet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xhieda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u ppreżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Ġie ppreżentat affidavit ta' WPS 242, li spjegat bil-ġurament tagħha, li hija kienet irrikorriet fuq il-post tal-inċident, fejn kienet osservat żewġ karozzi maħbutin ġo xulxin. Spjegat li t-triq ingħalqet, u li meta tkellmet max-xufiera tal-vettura BBM068 tal-għamla Hyundai, din stqarret magħha li kienet qed issuq fit-triq direzzjoni lejn il-Mosta, meta f'ħin minnhom, rat vettura tal-għamla Toyota Vitz fil-bogħod, ġejja min-naħa opposta, dieħla fuq il-karreġġjata tagħha. Kompliet tgħid li din qalet li ħasbet li l-vettura baqgħet dieħla dritt ġo fiha, u għalkemm ippruvat tibbrejkja u tevitaha, ma kellhiex biżżejjed ċans. Spjegat li tkellmet mal-imputata, li qalet li kienet qed issuq direzzjoni lejn l-Imġarr, meta semgħet tfaqqiegħa, u ma tafx x'ġara, ħlief li kulma ma tiftakar huwa, li kienet qed issuq bil-mod.

Ġie ppreżentat affidavit ta' PS 1300 J Fenech, li spjega li huwa mar fuq il-post, fejn osserva li kienet seħħet ħabta frontali bejn żewġ vetturi. Spjega li huwa għalaq it-triq għat-traffiku. Ikkonferma li fir-rigward ta' dan l-inċident, ġiet miftuħa inkjesta maġisterjali, peress li ż-żewg xufiera kienu jinsabu t-tnejn li huma fil-periklu tal-mewt. Huwa kompla jixhed li fit-3 ta' Novembru 2014, kien tkellem ma' Maria Stella Ellul u ma' Alexandra Agius, u dawn kienu tawh il-verżjoni tagħhom dwar x'ġara.

Xehdet **Maria Stella Ellul**, li spjegat li dakinhar tal-inċident, kienet telqet mill-iskola u qabdet triqtha lura lejn Birkirkara. Spjegat li waqt li kienet issuq fil-karreġġjata tagħha, rat karozza tidħol fil-karreġġjata tagħha, u baqgħet dieħla dritt fuqha bla ma għafset *brake*. Spjegat li din hija triq dritta. Spjegat li xħin rat il-vettura ġejja fuqha, hija ħadet *brake* biex tipprova tevita l-inċident. Spjegat li l-vettura tagħha daret bl-impatt. Ikkonfermat li hija soffriet minn ġrieħi gravi, fejn kellha titpoġġa ċintura ma' rasha, minħabba l-frattura li sofriet. Spjegat li damet tliet xhur b'din iċ-ċintura. Spjegat li sofriet minn 6% diżabilità permanenti.

Xehdet ukoll **l-imputata** li hija infermiera, u kienet għadha kemm telqet minn Mater Dei għal ħabta tat-tlieta. Spjegat li dak iż-żmien, kienet taħdem ħinijiet ridotti, peress li kienet għadha kemm spiċċat mill-c*hemotherapy*. Spjegat li kienet sejra lejn l-Imġarr għand in-*nutritionist,* u kienet sejra bil-mod għax kien għadu l-ħin. Spjegat li kienet ilha xogħol mis-sebgħa ta' filgħodu. Sostniet li t-temp kien wieħed xemxi u kalm. Hija kienet ġejja min-naħa tal-Mosta lejn l-Imġarr, u kien hemm it-traffiku. Spjegat li kienet qed timxi ftit u tieqaf, u tkompli sejra hekk. Spjegat li ma kellhiex għaġġla, u lanqas ma setgħet tgħaġġel.

Qalet li ma tiftakar xejn mill-inċident. Qalet li tiftakar biss ħoss. Ikkonfermat li hija sofriet grieħi f'idha x-xellugija fl-għadma tan-nofs, fil-pulmun, u anke fil-kustilji. Kellha wkoll xi ġriehi fil-*hip.* Spjegat li hija kienet għadha bl-uniformi, u li l-*mobile* kien fil-but. Spjegat li hija taqbad il-*mobile* bil-*bluetooth.* Ċaħdet li kellha xi telefonata waqt is-sewqan. Sostniet li hija ġiet konxja xħin ġew tas-Civil Protection u tal-Ambulanza. Kellha titneħħa l-bieba mill-uffiċjali tac-Civil Protection, sabiex setgħet tinħareġ mill-vettura.

Ikkonfermat li hija ttieħdet l-isptar bl-ambulanza, u bdewlha trattament meħtieġ. Spjegat li meta kienet fis-sala, kien hemm pazjenta oħra li staqsietha, jekk kinitx hi l-persuna li kienet involuta fl-inċident stradali, li kienet semgħet dwaru fl-aħbarijiet. Spjegat li din kienet esperjenza trawmatika, u sostniet li hija xogħolha tgħin lin-nies u mhux li tweġġa' lin-nies.

**Mark Anthony Camilleri** xehed, fejn spjega li huwa kien qiegħed wara l-vettura misjuqa minn Maria Stella Ellul, u f'daqqa waħda, ra vettura tat-tip Vitz, li kienet fil-karreġġjata l-oħra, u bdiet ġejja dijagonali għal ġol-karreġġjata fejn kien jinsab. Spjega li huwa pprova jersaq b'lura, iżda ma kellux fejn imur. Spjega li huwa ma jafx

kif kienet qed tinstaq preċedentement din il-vettura tat-tip Vitz. Li jaf hu li raha tidħol fil-karreġġjata tiegħu, u lanqas intagħfsu l-*brakes*, bil-konsegwenza li inevitabilment seħħet il-ħabta.

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-Proces Verbal, jirriżulta li ġie ppreżentat rapport tal-Perit Richard Aquilina, li kkonkluda li stante li t-triq għandha kurva orizzontali fuq naħa, u fuq in-naħa l-oħra kurva orizzonali u vertikali, il-viżwali hi ristretta, u għalhekk, għandu jkun hemm linja kontinwa li turi, li huwa pprojbit li taqla' lil ta' quddiemek. Ġie ppreżentat ukoll rapport minn Dottor Mario Scerri, li ddeskriva l-leżjonijiet sofferti minn Maria Stella Ellul, bħala li soffriet minn frattura ta' *C2,* li hija frattura ta' natura gravi *per durata.*

Ġie ppreżentat ukoll rapport minn Dr Mario Buttigieg, li kkonkluda li dan l-inċident seħħ fid-dritta tat-triq, u għalhekk il-viżibilità għas-sewwieqa ma kinitx ristretta minn ebda ostakli. Ikkonkluda li meta Agius kienet għaddejja fit-triq fil-karreġġjata tagħha, ġralha xi ħaġa li hi ma kellhiex kontroll fuqha, u b'tali konsegwenza, ħabtet fil-vettura ta' Ellul, u kkaġunat il-ħabta. Irriżulta wkoll li minn spezzjoni fuq il-vettura ta' Agius, ma rriżultax li l-vettura kellha difett fis-sistema tagħha. Dr Buttigieg ikkonkluda li dan kien inċident sfortunat, fejn Agius tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha, u baqgħet sejra fuq il-karreġġjata l-oħra, fejn ħabtet mal-vettura ta' Ellul. Ikkonkluda li Agius lanqas ippruvat tikkontrolla l-vettura fil-mument li din ma baqgħetx mixja dritta, u dan jagħti x'jifhem li hija ma kinitx konxja fil-mumemt ta' qabel l-impatt. Ikkonkluda wkoll, li mix-xhieda, irriżulta li Agius ma kellhiex għalfejn tagħmel manuvra ta' *overtaking,* għaliex it-triq kienet vojta. Għalhekk, huwa kkonkluda li fuq l-evidenza miġbura, il-fatturi tan-negliġenza u traskuraġni prima facie, jidhru neqsin minn naħa ta' Alexandra Agius, f'dan l-allegat inċident.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata tinsab akkużata li kkaġunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Stella Ellul.

Id-difiża sostniet fit-trattazzjoni tagħha, li ma tressqitx prova dwar għalfejn seħħ l-impatt, u għalhekk ma tistax tinstab ħtija penali fuq l-imputata. Il-Qorti tqies li dak li wassal għall-inċident in kwistjoni, kien li l-vettura misjuqa mill-imputata, għal xi raġuni injota, spiċċat bidlet il-karreġġjata, u ċioè bdiet tinstaq fil-karreġġjata l-ħażina, bil-konsegwenza li seħħet ħabta frontali, mal-vettura misjuqa mill-parte ċivile.

Il-Qorti tagħmel riferenza għall-kawża fl-ismijiet, Il-Pulizija vs. Kevin Caruana, mogħtija fit-3 ta' April 2003, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"kif gie ritenut fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. James Abela [11.7.2002] jistghu jirrizultaw certi provi indizjarji jew "circumstantial evidence" li joholqu certi "presumptions of fact" kontra s-sewwieq, li fl-assenza ta' spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta' jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq.*
>
> *Illi gie ukoll ritenut li "ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu nnifsu hija prova ndizjarja jew "circumstantial evidence" li tohloq "presumption of fact" ta' sewqan hazin, ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll" [App. Krim. Pulizija vs. Neville John Psaila; 20.3.2003].*
>
> *Illi, kif intqal, fil-kaz in ezami l-appellant qed iqajjem id-difiza tal-"casus" kagjonata minn skiddjar tal-vettura tieghu. Illi gie ritenut appropositu minn din il-Qorti li: "F'materja ta' "skidding" il-principju regolatur ma jistax hlief ikun dan. L-skid wahedha mhix la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbilta' nonostante l-"skid". Jekk ma tirrizultax, allura l-"skid" hija "a good defence" ghax tkun "inevitable accident".*
>
> *Ghaldaqstant biex tirmexxi d-difiza tal-"skid", jinhtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-"skid" dovuta ghall-art tizloq imma ukoll li l-"skid" saret bla ebda negligenza tieghu w li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq. Meta driver jipprova mhux biss il-fatt tal-"skid" sic et simpliciter, imma jipprova ukoll li l-"skid" saret bla ebda htija tieghu, izda accidentalment b'mod li l-vettura, bla htija tieghu w accidentalment, saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabilta' kriminali". [Il-Pulizija vs. Carmel Cachia – Vol. XXXVII, iv. p.920]".*

Illi, fil-każ odjern, id-difiża qed tgħid li għal xi raġuni inspjegabbli, l-imputata tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha. Illi kull sewwieq hu preżunt u mistenni li jkollu kontroll sħiħ fuq il-vettura tiegħu, u jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jagħti spjegazzjoni għala ġralu hekk, li tkun tikkonvinċi, għall-inqas, sal-grad tal-probabbiltà. Minn dak kollu li semgħet il-Qorti, il-Qorti hija tal-umli fehma, li l-ispjegazzjoni mogħtija mill-imputata, ma tispjegax li dak li ġara, sar bla ebda tort tagħha.

Mill-provi indizzjarji, il-Qorti hija tal-fehma li dak li seħħ, seħħ minħabba li l-imputata baqgħet issuq fuq il-karreġġjata ħażina. Il-provi indizjarji f'dan il-każ, joħolqu ċerti *"presumptions of fact"* kontra l-imputata, li fl-assenza ta' spjegazzjoni li tilħaq il-grad tal-probabbiltà, jwasslu lil din l-Qorti sabiex issib ħtija fl-imputata.

Dwar il-ġrieħi sofferti minn Maria Stella Ellul, dawn irriżultaw ampjament ippruvati, kif ukoll ġie sodisfaċentement ippruvat, li l-istess kienu ta' natura gravi *per durata.*

Illi, dwar il-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputata, għall-imputazzjoni li ġiet addebitata lilha u li ġiet ippruvata, hemm diversi fatturi x'jittieħdu in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni u l-fatt li l-parte ċivile rrinunzjat għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputata.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li għandu jiġi kkunsidrat l-insenjament, fid-deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Marzu 2005, fil-kawża fl-ismijiet, Il-Pulizija vs. Alfonso Abela, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti fl-ewwel lok, ma tarax li [s-sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi , frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti.*

*In oltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz.*

*Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f' kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa".*

**Decide**

Għaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 216 (1)(d) u 226(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni mressqa fil-konfront tagħha, u tilliberha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fissret lill-ħatja fi kliem ċar u li jinftiehem, il-konsegwenzi jekk hija tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' sentejn mil-lum.

Finalment, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-ħatja Alexandra Agius, sabiex sa żmien tliet (3) xhur mil-lum, tħallas is-somma komplessiva ta' €1,511.31c, liema somma tirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fl-inkjesta maġisterjali.

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur